MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 208/2007

Il-Pulizija
(Spt. P. Bond)
Vs
Victor Refalo

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
1. fit-23 t'April, 2007, ghall-habta ta' bejn il-hdax u nofs ta' filghodu u nofsinhar, waqt li kien fil-fond "The Meadows", Flat 21, Triq l-Alka, San Pawl il-Bahar, ingurja jew hedded lil PC 210 S. Lagrasta, lil PC 1012 A. Muscat u lil PC 846 V. Grech, jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-imsemmi PC 210 S. Lagrasta, liema persuna huma nkarigati skond il-ligi min servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom u jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubbliku kontra l-imsemmija ufficjali tal-Pulizija, liema persuni huma nkarigiati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-Awtorita' kompetenti;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PC 210 S. Lagastra u dan skond ma gie ccertifikat mit-tabiba Doctor Christine Deguara MD fl-isptar San Luqa, u talli kiser il-paci pubblika bil-glied, bl-ghajjat jew b'mod iehor;
4. b'ghemilu kiser il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-30 ta' Jannar, 2007, meta kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena mill-imsemmija data.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Mejju, 2007, li biha, wara li rat l-Artikoli 95, 96 u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat li sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni w it-tielet akkuza kif dedotti fil-konfront tieghu u ddecidiet li tikkundannah komplessivament ghal perjodu ta' tmien (8) xhur prigunerija effettiva. Dwar ir-raba' akkuza, kkundannatu ghal hlas t'ammenda ta' mitt lira Maltin (LM100) ai termini tal-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti tat ir-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghti l-ghajnuna kollha possibbli lill-imputat sabiex jindirizza l-problema akuta li ghandu t'abbuz mill-alkohol.
Il-Qorti ordnat, wara li rat l-artikolu 403(1) tal-Kap. 9, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din is-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Mejju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassaraha w tirrevokaha in kwantu l-piena li giet inflitta w minflok timponi piena gusta ghall-kaz odjern, u tikkonfermaha fil-bqija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant - li kollha jikkoncernaw il-piena - huma, fil-qosor, is-segwenti w cioe' :- li l-appellant ammetta l-akkuzi kollha fi stadju bikri tal-proceduri w, skond sentenza minnu citata, din il-Qorti ghandha tidhol fl-ezami akkurat tac-cirkostanzi tal-kaz tieghu biex tara jekk il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti kienetx eccessiva jew le. L-appellant ghandu problema ta' alcohol li teffettwalu l-imgieba tieghu fis-socjeta'. Hu dahal Dar iz-Zerniq biex ifittex il-kura. Tmin xhur prigunerija mhux ser jghinu biex ifieq mill-vizzju li ghandu. L-Ewwel Qorti setghet taghti *probation order* ghall-massimu taz-zmien li tipprovdi l-ligi w din kienet tkun piena aktar adegwata. Ghandu jinghata *"a window of opportunity"*.

Rat il-fedina penali aggornata esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni fl-udjenza tal-lum;

Ikkonsidrat;

Illi kif intqal , dan l-appell hu limitat ghall-piena. Illi din il-Qorti kellha hafna okkazzjonijiet fejn ippronunzjat ruha li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.). F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi kif del resto jaccetta l-istess appellant fir-rikors tal-appell tieghu.

Illi il-fatt li l-appellant ghamel ammissjoni bikrija mhux necessarjament jintitolah ghal xi riduzzjoni ulterjuri fil-piena. Il-Qrati Maltin ittraccjaw il-hsieb li ghandu jiggwida l-Qrati f' kazijiet in materja (ara f' dan is-sens : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**" [24.2.1997] (Qortri Kriminali); "**Ir-Repubblika ta' Malta vs.**

**Mario Camilleri**” [5.7.2002] (Qorti tal-Appell Kriminali); “**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa”** [17.7.2002] (Qorti tal-Appell Kriminali) u ohrajn) kif ukoll saret riferenza ripetuta ghall-**BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit); fejn *inter alia* jinghid li :

***“Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (*****Morris** ***[1998] 10 Cr. App. R. (S) 216;*** **Landy** ***[1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 )”***

*F' dan il-kaz , ir-reati saru direttament fil-konfront tal-Pulizija li apprendewh w l-appellant ftit li xejn seta jaghmel hlief li jammetti l-akkuzi dedotti kontra tieghu, kif fil-fatt ghamel.*

Illi ghar-rigward tal-vizzju tax-xorb li l-appellant jghid li hakmu, dan zgur ma jistax jaghtih passaport ta' immunita' mill-kastig li tippreskrivi l-ligi ghar-reati kommessi minnu. Fil-waqt li tapprezza xi forzi li l-appellant issa jidher li qed jaghmel biex johrog min dan il-vizzju, dan pero' mhux bizzejjed biex jevita r-riguri tal-ligi li jsegwu l-kommissjoni tar-reati minnu ammessi.

Kif gie osservat minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Mathew Peter O' Toole" [**2.3.06]

*" il-Qrati ma jistghux jittrattaw kazijiet bhal dawn fejn ikunu mhedda ufficjali tal-Korp tal-Pulizija, waqt li qed jaqdu dmirijiethom - kulltant f’ sitwazzjonijiet difficli w delikati - b’ leggerezza, qiesu ma gara xejn, bhallikieku l-Pulizija qieghed hemm biex jigi mzeblah, sfidat, u mhedded.*

*Illi jidher li l-appellant seta’ kien taht l-influwenza ta’ xorb alkoholiku eccessiv meta pprovoka dan l-incident bla bzonn, pero’ dan bl-ebda mod ma jiskuzah."*

u fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. George Grech"** [23.6.05] din il-Qorti qalet :

*"Illi l-Qorti terga ttenni f'dak li gja qalet f'diversi sentenzi li r-reati bhal dawk ammessi mill-appellant fuq membri tal-korp tal-Pulizija waqt il-qadi tad-dmirijiet taghhom ma jistghux jitqisu leggerment mill-Qrati li ghandhom joffru kull protezzjoni lill-kustodji tal-ordni pubbliku meta jkunu qed jagixxu fiz-zamma tal-ordni taht cirkostanzi mill-aktar difficli u b'riskju kbir ghall-inkolumita' taghhom personali w li ghalhekk f'dawn it-tip ta' reati hija indikata piena karcerarja effettiva kif del resto tiddisponi l-ligi."*

Umbaghad fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Anthony Roderick Farrugia"** [26.4.2007] din il-Qorti qalet ukoll :-

*"Kif irriteniet din il-Qorti diversi d-drabi, reati ta' vjolenza attiva fil-konfront tal-Pulizija kull ma jmorru qed jizdiedu w jsiru ferm spissi w l-Qrati ghandhom id-dmir, fejn ikun il-kaz, li jaghtu il-protezzjoni xierqa lill-forzi tal-ordni fejn dawn ikunu qed jagixxu entro il-poteri lilhom moghtija fl-esekuzzjoni tal-ligi w ma jistghux jittrattaw dawn il-kazijiet b' leggerezza w jikkondonaw  dak li ma ghandux jigi kondonat b' pieni irrizorji aktar u aktar meta dak li jkun ikun recidiv kif inhu f' dan il-kaz."*

Ghar-rigward tal-*"window of opportunity"* li issa l-appellant qed jinvoka, jigi osservat li mill-fedina penali tieghu jirrizulta li  din mhux l-ewwel darba li l-appellant kiser diferjh mal-ligi. Di fatti ghandu mhux inqas minn seba' kundanni  li uhud minnhom jikkomprendu l-pussess tad-droga cannabis u attakk u rezistenza fuq persuna inkarikata minn servizz pubbliku. Ghal din l-ahhar kundanna li huwa inghata fit-30 ta' Jannar ta' din l-sena, hu kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena. Imma lanqas laqhu ghaddew tlitt xhur li l-appellant, minnkejja l-opportunita' li kien inghata, ma regax ikkommetta r-reati in meritu. Ghalhekk ladarba meta inghata l-opportunita', l-appellant hlieha, issa mhux il-kaz li jerga' jinghata xi *"window of opportunity" ohra.*

Ghalhekk  din il-Qorti ma  tarax li hemm lok ghal temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata konfermata, b' dan li din il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li, jekk verament l-appellant qed jaghmel xi sforzi biex jehles mill-vizzju tax-xorb li jghid li ghandu, l-awtoritajiet tal-Facilita' ghandhom jiffacilitaw kull access ghal xi programm ta' fejqan jekk dan hu possibbli skond ir-Regolamenti tal-Habs.

In vista ta' din id-decizjoni l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-rikors tal-appellant biex jigu varjati l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------